**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI żURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU GĦAXRA**

**16 ta' MARZU, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREżENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Kevin Sam Farrugia.

**SKUŻATI**
Is-Sinjorina Marilyn Sammut infurmat li ma setgħetx tattendi minħabba li tinsab imsiefra.
**UFFIĊĊJAL PREżENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

IĊ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**10.1** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

10.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol fi Triq Dun Gejt Muscat ser isir f'dan ix-xahar.

10.1.2 Ġew approvati l-minuti tad-Disa' seduta ta' din il-leġislatura u tal-laqgħa annwali.

***10.2*** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi*

10.2.1 Kien hemm qbil li b'referenza ghall-email li l-Kunsill irċieva minn Transport Malta fir-rigward ta' marki fit-toroq fi Vjal l-Indipendenza, fejn il-Kumitat Amministrattiv intalab jaghti l-veduti tiegħu fir-rigward tat-talbiet li qed isiru mir-residenti, il-Kumitat iwieġeb li hu lest li jagħmel l-ordnijiet li tagħtih l-awtorita imma mhux kompetenti biex jagħti veduti fuq il-każ, wara li dak li kien hemm immarkat ġie mitlub li jitneħħew

mill-istess awtorita'.

10.2.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri nfurmat li hemm bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix fi Triq Kalang Bugeja.

10.2.3 Iċ-Ċhairperson Pierre Farrugia qal li xi żmien ilu tliet iklieb 'strays' fil-pjazza ta' Bubaqra ġew reġistrati bla ħlas fuq il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. Waħda mill-klieb li kienet marida ttieħdet fl-isptar San Franġisk minn xi resident u dan ir-resident intalab iħallas 66.24Euro. Din il-persuna talbet il-ħlas lura liċ-Chairperson u dan ħallasha minn butu.

Kien hemm qbil li jiġi ivverifikat il-kaz u jekk l-isptar joħroġ irċevuta fuq il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, ċ-Chairperson ikun ikkompensat.

10.2.4 Xi ħadd rema' lambretta imkissra bla numri ta' reġistrazzjoni fil-hamrija fi Triq San Martin, hemm bżonn li tittieħed bħala bulky refuse.

10.2.5 Hemm bżonn li titwaħħal tabella biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb u dog bin fi Triq San Martin fejn hemm parking area.

**10.3** ***Triq it-Torri***

10.3.1 IĊ-Ċhairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol ta' resurfacing fi Triq it-Torri inbeda. Sar ix-xogħol ta' servizzi tal-ilma f'kull dar u qed isiru xi servizzi tad-drenaġġ ukoll. Il-bankini ser jinbidlu u jsiru skont il-liġi ta' 1.2metru.

10.3.2 Kien hemm qbil li jiġi kkuntatjat il-kuntrattur biex għal kull kaptella li ser jagħmel, isir ganġ, biex ir-residenti jkunu jisgħu jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa.

***10.4*** ***Appuntament għas-Seduta li jmiss***

10.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.00pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 20ta' April, 2015 fil-5.30pm

Konfermati, illum ___ ta' April, 2015

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |